**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 657/2022DC**

***Repubblika***
***vs***
***L-Avukat Ġenerali***

**Illum, 8 ta' April 2024**

**Il-Qorti**

Rat id-degriet tagħha mgħoti f'l-14 ta' Frar 2023 peremzz ta' liema *inter alia* rriżervat li tipprovdi dwar it-talba għall-ħruġ tat-taħrika wara li l-għaqda attriċi tippreżenta nota li fiha tindika b'mod aktar preċiz liema huma dawk id-dokumenti li tixtieq li tagħhom tiġi esebieta kopja u l-prova li trid tagħmel permezz ta' dawn id-dokumenti.

Rat in-nota preżentat mill-attriċi fil-25 ta' April 2023.

Rat id-degriet tagħha datat 2 ta' Mejju 2023 permezz ta' liema ordnat in-notifika tan-nota lill-konvenuta bi żmien għar-risposta.

Rat ir-risposta preżentata mill-konvenuta fid-9 ta' Mejju 2023.

Rat li fir-risposta tagħha l-konvenuta illimitat ruħha billi reggħet esprimiet il-fehma tagħha li taħrika simili m'għandhiex tinħareġ għaliex din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa li tawtorizża l-għoti ta' kopja ta' dokumenti formanti parti minn *proces verbal*.

Rat li l-argumenti sollevati mill-konvenuta kienu ġia sollevati u trattati waqt is-smigħ tar-rikors ta'l-attriċi preżentat f'l-10 ta' Jannar 2023 u deċiż f'l-14 ta' Frar 2023 u l-Qorti m'għandhiex x'iżżied jew tvarja fid-degriet tagħha ta'l-14 ta' Frar 2023.

Fiċ-ċirkostanzi, fil-waqt li tikkonferma d-degriet tagħha ta'l-14 ta' Frar 2023, tilqa t-talba ta'l-għaqda attriċi u tawtorizża l-ħruġ tat-taħrika ta' xhieda lir-

Registratur tal-Qrati preżentata fil-5 ta’ Jannar 2023 b’dan li għal dak li jirrigwarda il-*proces verbal* hemm imsemmi t-taħrika għandha tkun limitata għal dawk id-dokumenti imsemmija fin-nota tal-25 ta’ April 2023. A skans ta’ ekwoviċi l-Qorti tidderiġi lill-attriċi biex tippreżenta taħrika ġdida li fiha għandu jkun speċifikat liema dokumenti formanti parti mill-proces verbal qed tintalab kopja tagħhom.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**